MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 246/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-21 ta' Lulju, 2005 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-konvenuta B, mart l-attur, welldet tarbija fit-12 ta' April, 2005 li nghatat l-isem Z, kif jidher skond l-att tat-twelid li qed jigi hawn esebit (Dokument A);

Illi l-istess konvenuta harget mid-dar taz-zwieg fi Frar tas-sena 2004, u minn dakinhar l-attur u martu ma kkoabitaw qatt izjed;

Illi t-tarbija Z, fuq imsemmija, hija l-frott ta' relazzjoni extra-maritali li kellha mart l-attur;

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Tiddikjara u tiddeciedi li t-tarbija li welldet il-konvenuta B fit-12 ta' April, 2005, kif jidher skond l-att tat-twelid hawn esebit, mhijiex wild l-attur; u

2. Tordna li fl-att tat-twelid relativ isiru l-korrezzjonijiet mehtiega u konsegwenzjali;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta pprezentata fid-29 ta' Awissu, 2005 li permezz taghha eccepiet;

1. Illi l-eccipjenti B *proprio* taqbel li hija kellha lil bintha Z li twieldet fit-12 t'April 2005; ma taqbilx li hija harget mid-dar matrimonjali, izda tkecciet mill-attur innifsu minhabba vjolenza;

2. Illi l-istess eccipjenti taqbel ukoll li bintha Z mhix bint l-attur. Dan il-fatt iddikjaratu mill-ewwel lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u konsegwentement hija m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

3. Illi l-eccipjenti B fil-kwalita' taghha ta' kuratrici *ad litem* ta' bintha minuri Z tirrimetti ruhha ghall-gudizzju ta' din il-Qorti fl-interess tal-istess minuri.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku pprezentata fil-5 ta' Settembru, 2005 li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi preliminarjament, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluzi dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg ukoll illi jekk it-talbiet attrici jintlaqghu, l-kliem "*the said*" jigu kkancellati minn taht il-kolonna li tindika t-taghrif dwar l-omm fl-Att ta' Twelid in kwistjoni.

3. Illi l-attur ghandu jispecifika fit-talbiet attrici jekk fil-kolonna li tistipula d-dettalji tal-missier tat-tarbija fl-Att tat-Twelid in kwistjoni ghandhomx jitnizzlu l-kliem 'missier mhux maghruf' jew id-dettalji ta' l-allegat missier naturali.

4. Illi l-interessi tal-minuri ghandhom ikunu rapprezentati minn kuraturi deputati stante illi jista' jkun hemm kunflitt ta' interess.

5. Illi jehtieg illi n-numru progressiv ta' iskrizzjoni ta' l-Att ta' Twelid in kwistjoni li huwa 1215 tas-sena 2005 ghandu jkun specifikat fit-talbiet attrici.

6. Illi ghandha ssir id-debita publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali, u senjatament l-affidavits tal-attur, tal-konveuta u ta'omissis.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Lulju, 2006 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob dikjarazzjoni illi t-tarbija illi kellha l-konvenuta fiz-zmien li kienet diga' ma tghix mieghu bhala martu ma kinitx tieghu. Il-konvenuta tammetti dan pero' qed toggezzjona l thallas l-ispejjes ghaliex skond hi kienet informat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku b'dan il-fatt izda dan xorta nsista li jirregistra t-tifla bhala bint l-attur.

Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet <u>Josianne Giusti vs Pierre Giusti et</u> deciza fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet hekk;

*Illi fil-mertu jirrizulta li fiz-zmien li setghet tigi koncepita t-tarbija l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f'dak iz-zmien ma kellhiex x'taqsam mar-ragel taghha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija sufficjenti biex jigi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodici Civili (<u>Spiteri pro et noe vs Cilia et</u>, fost ohrajn 30 ta' Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li wahedha mhux bizzejjed (Artikolu 70 (2) tal-Kodici Civili, mehuda ma' dawn ic-cirkostanzi l-ohra telimina kull dubbju f'mohh il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija.*

Il-Qorti ghandha l-istess konvinciment f'dan il-kawza u jidher car li l-konvenuta nisslet it-tarbija wara li kienet gia' abbanudat id-dar konjugali. Il-Qorti m'hijex ser tidhol fil-kwistjoni ta' l-infertilita' tal-attur ghax ghalkemm rilevanti ma hemmx ghalfejn tkun indikata ghaliex l-estranjeta tal-attur ghall-koncepiment hija assikurata.

Il-Qorti ma taqblix mal-konvenuta li ma ghandhiex tbati spejjes. Dak li gara gabitu hi u d-Direttur tar-Registru Pubbliku ma ghandux jehel spejjes ghaliex applika l-ligi. Huwa bil-fors kellu jirregistra l-minuri b'dak l-mod billi t-

tarbija twieldet meta l-partijiet kienu ghadhom mizzewga u mhux separati. Naturalment lanqas l-attur ma ghandu jehel spejjes.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk;**

**1. tiddikjara illi t-tarbija li welldet il-konvenuta fit-12 ta' April, 2005 u registrata fl-att tat-twelid numru 1215/2005 m'hijiex wild l-attur;**

***2.*** **tordna li jsiru l-korrezzjonijiet necessarji fl-att tat-twelid imsemmi fi zmien xahar minn meta l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja ufficjali ta' din is-sentenza;**

**L-ispejjes jithallsu mill-konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------